A.L. 143 ta' l-1989

ORDINANZA DWAR IR-REGULAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Omnibusijiet bil-Mutur (Servizz "Scheduled" u "Unscheduled")

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 28 ta' l-Att ta' l-1989 dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Omnibusijiet bil-Mutur (Servizz *Scheduled* u *Unscheduled*), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1978 dwar Omnibusijiet bil-Mutur (Servizz *Scheduled* u *Unscheduled*), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 11 ta' l-1978.

Żieda ta' regolament ġdid 8 mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:—

"Trasport ta' tfal tal-iskola.

8. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dawn ir-regolamenti, it-trasport tat-tfal tal-iskola kollha għandu jitħaddem skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

(2) Meta d-Direttur ta' l-Edukazzjoni (li minn hawn 'il quddiem f'dan ir-regolament jissejjaħ "id-Direttur") jiddisponi li ċerti rotot ta' trasport tat-tfal ta' l-iskola jsiru minn karozzi ta' detenturi ta' liċenza ta' xi omnibus bil-mutur li taħdem f'xi kategorija ta' servizz *unscheduled*, dawn ir-rotot għandhom jitqassmu mill-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Unscheduled* biex jinħadmu esklusivament minn karozzi li ma humiex liċenzjati biex jagħmlu xogħol *scheduled*.

(3) Meta d-Direttur jiddisponi li ċerti rotot għat-trasport tat-tfal ta' l-iskola jsiru minn detenturi ta' liċenzi ta' xi omnibus bil-mutur li taħdem servizzi *scheduled*, dawn ir-rotot għandhom ikunu assenjati biex jinħadmu esklusivament minn karozzi li għandhom liċenzja biex jagħmlu xogħol *scheduled* u li fil-ġurnata partikulari ma jkunux fir-*roster* tax-xogħol *scheduled*, mill-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Scheduled*.

(4) Meta xi wieħed mill-Uffiċċji Ċentrali jidħirlu li xi xogħol ma jkunx jista' jsir minn xi karozza li tkun ġiet assenjata biex tagħmlu, għandu jiġi avżat id-Direttur, u d-Direttur jista' jawtorizza lill-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Scheduled* biex jinkariga bix-xogħol karozzi li għandhom liċenzja biex

jagħmlu xogħol *scheduled,* u fil-każ ta' bżonn, bl-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità tat-Trasport Pubbliku, anki karozzi li jkunu fir-*roster* tal-ġurnata partikulari.

(5) Id-Direttur jista' jiddisponi b'mod differenti għal dawk ir-rotot, illi għandhom isiru minn *minibuses.*

(6) Meta xi rotta assenjata b'dan il-mod biex issir minn Uffiċċju minnhom ma tiġix hekk servuta, id-Direttur jista' jara li l-istess rotta tiġi assenjata mod ieħor.